**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 8/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Richard Oliver Rodrigues Monteiro**

**Illum,1 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Richard Oliver Rodrigues Monteiro** detenur tal-passaport tar-Repubblika ta' Cabo Verde bin-numru PA327267, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Matul il-lejl ta' bejn l-erbatax (14) ta' Jannar 2024 u l-ħmistax (15) ta' Jannar 2024 u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa Joseph Caruana Hardware Store, Triq l-Imgarr, Xewkija Ghawdex:

1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa huwa iżjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Michael Caruana u Francis Caruana u/jew persuni u/jew entitajiet oħra u Joseph Caruana and Company Ltd;

2. Fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont

ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) iżda hija iżjed min mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Michael Caruana u Francis Caruana u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

Matul il-lejl ta' bejn il-hdax (11) ta' Jannar 2024 u t-tnax (12) ta' Jannar 2024 u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa Joem Petrol Station, Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida:

3. Bil-ħsieb li jikkometti serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq kieku ġie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-mezz u bil-hin, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-eżekuzzjoni tat-tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minhabba xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tieghu, tali serq kien se jsir ghad-detriment ta' Michael Balzan u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

4. Fl-istess data, lok, hin u čirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq ħwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) iżda hija iżjed min mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Michael Balzan u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

Matul il-lejl ta' bejn il-hdax (11) ta' Jannar 2024 u t-tnax (12) ta' Jannar 2024 u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa National Lottery POS.24, Triq l-Iskola, Msida:

5. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin u dan ghad- detriment ta' Marco Rossi uljew persuni u/jew entitajiet ohra.

6. Fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) iżda hija iżjed min mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Marco Rossi uljew persuni u/jew entitajiet oħra;

Matul il-lejl ta' bejn il-hdax (11) ta' Jannar 2024 u t-tnax (12) ta' Jannar 2024 u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa Malta Tourism Authority, The Lodge, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida:

7. Bil-ħsieb li jikkometti serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq kieku ġie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-mezz u bil-hin, wera dan il-ħsieb b'atti

esterni u ta' bidu ghall-eżekuzzjoni tat-tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minhabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tieghu, tali serq kien se jsir għad-detriment ta' Malta Tourism Authority u/jew entitajiet oħra u/jew persuni;

8. Fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) iżda hija iżjed min mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Malta Tourism Authority uljew entitajiet ohra uljew persuni;

Matul il-lejl ta' bejn id-dsatax (19) ta' Diċembru 2023 u 1- ghoxrin (20) ta' Dicembru 2023 u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa National Lottery No. 178, Triq Dun Karm, Iklin:

9. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' Alexandra Casha u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

10. Fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) iżda hija iżjed min mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Alexandra Casha u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

Matul il-lejl ta' bejn it-tlettax (13) ta' Diċembru 2023 u l- erbatax (14) ta' Dicembru 2023 u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa J.A.Borg Service Station, Triq l-Imgarr, Xewkija Ghawdex:

11. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, liema valur tal-haġa misruga jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' Joyce Borg u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

12. Fl-istess data, lok, hin u čirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) iżda hija iżjed min mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Joyce Borg u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

Matul il-ġurnata tat-tnax (12) ta' November 2023 bejn il-hamsa ta' filghodu (05:00Hrs) u is-sitta ta' filghodu (06:00Hrs), ġewwa National Lottery POS.24, Triq l-Iskola, Msida:

13. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, liema valur tal-haġa misruqa huwa iżjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' Marco Rossi u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

14. Fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel ħsara jew gharraq ħwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) iżda hija iżjed min mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Marco Rossi u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

U aktar talli, matul ix-xahar ta' Jannar 2024 u/jew fil-xhur ta' qabel ġewwa Pearl Court, Flat 11, triq il-Qawsalla, Msida u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gżejjer:

15. Xjentement laqa' ghandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat,

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hati d- dispożizzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hati d- dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal- Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurtà tal-partijiet lezi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-27 ta' Gunju,2024, fejn u in vista tal-ammissjoni tal-imputat, sabet lill-istess Richard Oliver Rodrigues Monteiro hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu, kkundannatu ghal sittin (60) xahar priġunerija effettiva.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, ordnat lill-hati sabiex jirrestitwixxi lil Joseph Caruana and Company Limited, is-somma ta' erbgħin elf, sitt mija u tmienja u tletin ewro (€40,638), lil Alexandra Casha is-somma ta' elf, erba' mija u tmenin ewro (€1,480), lil Joyce Borg is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u lil Marco Rossi s-somma ta' tlitt elef u hames mitt ewro (€3,500), u dan fi żmien sitt xhur.

Illi fid-dawl tal-fatt li l-hati għandu problema ta' abbuż mid-drogi, il- Qorti rrakomandat lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, sabiex matul il-perjodu li fih il-hati sejjer ikun residenti fl-istess Faċilità, jara li l-istess ħati jingħata l-għajnuna meħtieġa u l- possibbiltà sabiex huwa jkun jista' jibda u jispiċċa programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż mid-drogi, inkluż billi jiġi riferut għal dik it-taqsima l-aktar adatta, sabiex dan l-għan ikun jista' jintlaħaq b'suċċess.

U ghal dan il-għan ukoll, il-Qorti poggiet lill-hati taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, ghal perjodu ta' tmienja u erbghin (48) xahar, u rrakomandat lid- Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi dik l-assistenza kollha mehtieġa lill-hati, sabiex din l-Ordni ta' Trattament tkun tista' tiġi segwita u mwettqa mill-istess hati, b'suċċess.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Richard Oliver Rodrigues Monteiro preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Lulju,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellate u dana billi;

- TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi TIKKONFERMAHA fil-parti tas-sentenza issib l-imputat hati fuq ammissjoni tieghu;
- TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti:**

Illi saru diversi rapporti ta' serq gewwa Malta u Ghawdex mal-Pulizija ossia NPS Reports bin-numri ta' referenza; 12/POL/204/2024, 7/POL/214/2024, 7/POL/213/2024, 7/POL/211/2024, 9/POL/8951/2023, 12/POL/6341/2023 u 7/POL/7399/2023. Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, kien hemm suspett li r-reati twettqu minn Richard Oliver Rodrigues Monteiro.

Illi nhar it-3 ta' Frar 2024 Richard Oliver Rodrigues Monteiro, gie arrestat fil-hin ta 07:05 ta filoghdu, min gewwa ir-residenza fejn kien jabita 'Pearl Court', FI 11, Triq il- Qawsalla, Msida, fejn fl-istess fond saret tfittxija u diversi flus, hwejjeg, dokumenti u il-mobiles tal-arrestat gew elevati.

Illi nhar it-3 ta' Frar 2024, Monteiro tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet kollha mressqin fil-konfront tieghu, fejn huwa wiegeb hati dakinhar tal-prezentata.

**Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. Illi il-piena ta' sittin (60) xhar prigunerija effettiva, hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

2. Salv aggravji ohra li jistghu jigu trattati oralment.

**A. PIENA EROGATA**

Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern u cioe dik ta' sittin (60) xhar prigunerija effettiva.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt m'ghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f'dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza <u>Il-Pulizija vs Francis Mamo</u>:

> *Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*
>
> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali.* ***Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.***
>
> *Illi huwa propju ghalhekk illi* ***ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu****; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*
>
> *Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Wood din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza*

*ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, **anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija**, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' **Anthony Wood**) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

***9.** Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** :*

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t'Ottubru 2019 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'** gie kkunsidrat li:

*'6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il- Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx zbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account*

*the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal-Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet* ***manifestament eċċessiva*** *meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas- sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il- piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a)Retributtiv;*
*(b)Preventiv; u*
*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-****aspett retributtiv*** *tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-****aspett preventiv*** *tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha* ***qabel*** *ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti*

*reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-socjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ; allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-socjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan socjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is- socjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall- eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika al-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir- rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali għas-socjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill- ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- socjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l- għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittattiv u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-socjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikacja repressiva.*[1]

Ghalhekk il-piena imposta kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi

ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha kkunsidrat is-segwenti:

> *In vista tal-ammissjoni tal-imputat, li ġiet ikkonfermata anke wara li l-imputat ingħata żmien raġonevoli biex jirrikonsidra, u wara li ġie spjegat il-konsegwenzi li ġġib magħha tali ammissjoni, din il-Qorti ma għandhiex triq oħra, għajr li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tiegħu.*

> *In kwantu għall-piena, din il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni,* ***il-fedina penali tal-imputat, l-ammont konsiderevoli li ġie misruq, il-fatt li ammont minn dak li nsteraq ġie mħallas lura, għalkemm fadal ammont sostanzjali ta' flus li għadhom iridu jiġu mħallsa, kif ukoll il-Pre-Sentencing Report****.*

> *Il-Qorti tqis li piena karċerarja hi dik idonea, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, kif ukoll għandu jinħareġ Ordni ta' Trattament biex l-imputat jiġi mgħejjun jegħleb il-problemi li jista' għaddej minnhom.*

Illi l-appellant irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu fi fl-aktar stadju bikri u cioe fil-prezentata nhar it-3 ta' Frar 2024, u dan wara li kien diga ammetta waqt l-istqarrija irrilaxxata lil Pulizija.

Illi skont il-verbal tal-prezentata ta' nhar it-3 ta' Frar 2024;

> *"L-Uffiċjali Prosekuturi ddikjaraw illi mit-tfittxijiet li* ***saru ġew irkuprati erbat elef ewro (€4,000)****.*

> ***L-imputat iddikjara li huwa lest li jagħmel minn kollox biex jikkoopera u jirritorna parti mill-ammonti derubati. Talab ukoll żmien qabel ma' tingħata s-sentenza sabiex huwa jagħmel dawk l-arrangamenti necessarji***

***biex jirritorna parti mill-ammont derubat** stante li l-istess flejjes jew parti minnhom gew mehuda barra minn Malta.*

*L-imputat iddikjara li ser jagħmel l-almu tiegħu sabiex jirritorna l- ammonti qabel ma tingħata s-sentenza u dana sabiex il-Qorti tieħu konsiderazzjoni ta' dan il-fatt għal dak li għandu x'jaqsam mas-sentenza."*

Illi nhar id-9 ta' Frar 2024 gie ntavolat mill-iSpettur Keith Xerri ghan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jitlob l-awtorizazzjoni mill-Onorabbli Qorti sabiex l-Ispetturi Xerri u Delia jkellmu lill-imputat u dan ai termini tal-Artikolu 437 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara li kien l-imputat stess li wera x-xewqa li jkellimhom sabiex jaghti informazzjoni rigwardanti *res furtiva* u sabiex jiffacilita l-gbir taghha;

Illi nhar il-15 ta' Marzu 2024, xehed **l-Ispettur Keith Xerri** u esebixxa ircevuta li tiddikjara li Dottor Michael Caruana ghan-nom tas-socjeta Joseph Caruana & Company Limited ircieva s-somma ta' hames mitt ewro bhala parti tal-ammont derubat.

Illi di piu', nhar il-15 ta' Mejju 2024 xehdet bil-gurament **Mary Rose Farrugia** li prezentat Pre Sentencing Report relattivament pozittiv;

Illi ghalhekk jidher li l-appellant ghandu fedina penali netta, ghamel sforzi sabiex jirrritorna dak kollu li setgha mill-ammont derubat (€4,000 li gew irkuprati mir-residenza u €5,500 li gew irrkuprati) hekk kif kien iddikjara fil-prezentata, ammetta fl-aktar stadju bikri. Illi ghalkemm huwa ghamel dawn l-isforzi kollha, l-appellant ihossu aggravat mid-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li tikkundannah ghal sittin.(60) xhar prigunerija effettiva;

Illi fl-ispirtu tal-Att 537 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar Dipendenza Fuq Id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija) u meta jitqies li ma saret l-ebda talba skont Artikolu 8 tal-istess Att quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, jidher illi l-appellant ma kienx inghata l-fakolta sabiex verament juri li kien lest li jirriabilita ruhu u sabiex juri l-progress kbir fil-hajja tieghu mid-data tal-akkuza sad-data tas-sentenza.

Illi l-appellant ghandu interess illi jressaq t-talba magħmula ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din tigi kkunsidrata minn din l-Onorabbli Qorti u l-appellant ikun jista' jinghata l-fakolta' illi juri lil din l-Onorabbli Qorti li huwa verament ghandu rieda ta' bidla ghall-ahjar.

F'dan l-istadju, issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' **__Il-Pulizija vs Charlot Aquilina__**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, l-akkuzat Aquilina kien recidiv ukoll b'differenza ghall-appellant li ghandu fedina penali netta, u f'dan is-sens il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

L-esponenti umilment jirrileva, minghajr pregudizzju ghas-sejbien ta' htija jew le, li l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn citata jincidu direttament fuq l-appell odjern, u ghalhekk il-piena mposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti r-realta' li attwalment l-esponenti jinsab fiha, u huwa ghalekk li fl-umli fehma tal-appellant, li piena kalcerarja effettiva mhijiex idonea.

Rat id -digriet taghha tat-30 ta' Settembru 2024.

Rat is risposta tal-Avukat Generali datat 3 ta' Ottubru 2024 fejn qed joggezzjona ghat talba tal-appellant kif kontenuta fir-rikors tal-appell tieghu sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta Droga.

Rat illi l-appellant permezz ta' nota pprezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti kien qed jirtira it-talba tieghu sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga u ghalhekk talab li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-mertu tar-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2024.

**__Ikkunsidrat__**.

Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena li ġiet imposta mill-Qorti tal-Maġistrati stante li l-appellant kien ammetta ħtijietu quddiemha. Huwa appell iffukat fuq il-quantum tal-piena li ġiet erogata fil konfront tal-appellant.

L-appellant jemmen li l-piena imposta kienet wahda eccessiva tenut kont l-fatt li l-appellant irregistra ammissjoni ma l-ewwel opportuntia moghtija lilu, li kkopera mal-prosekuzzjoni, li irritorna parti mir-*res furtiva* u l-fedina penali netta tieghu u ghalhekk il-piena ma kellhiex tkun daqstant harxa u cioe ta' sittin xahar prigunrija effettiva.

Kif tajjeb osserva l-appelalnt fir-rikros tal-appll tieghu l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;

(b) Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, huwa dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is sitwazzjoni għal kif kienet **qabel** ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali. F'dan ir-rigward ma jsitax jignahd li l-appellant ghamel dan u dan ghalix kif del resto stqarret l-avcukat difensur tieghu fit-tratazzjoni orali taghha huwa irnexxilu jirrotrna is-somma ta €9,300 mis-somma misruqa ta €50,000 u dan ukoll b#'certu diffikolta.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'ghemilha qabel ma twettaq l-att kriminuż. F'dan ir-rigward jidher li l-appellant ghandu problema ta abbuz ta droga kif mistqarr minnu fir-rikors tal-appell tieghu u ma jidhrix

li sa issa huwa indirizza tali problema u ghalhekk il-possibilta ta' repetizzjoni ta reat simili huwa hemm.

Finalment hemm l-aspett **riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa. Ili ghalhekk jidher car li l-appellant ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jindirizza r-rihabilitazzjoni tieghu u huwa biss bl-ghajnuna tad-dirigentit al-habs illum il-gurnata li jista jirriabilta u jeduka ruhu sabiex jerga jirriintegra ruhu fis-socjeta.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti ma temminx li l-appellant ghamel xi sforz genwin biex ighin ruhu salv li irregistra ammissjoni ghar- reati kommessi minnu.  Huwa minnu li f'kaz ta' ammissjoni din il-Qorti ghandha tirrikonoxxi nuqqas fil-piena pero zgur li l-piena imposta mill-ewwel qorti ma hiex wahda fil-massimu taghha. Minn ezami taws-sentnza tal-ewwel qorti jidher car li l-ewwel qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti

fatti qabel ma ppronunzjat ruhha fir-rigward tal-piena u cioe l-ammont konsiderevoli li gie misruq, il-fatt li ammont minn dak li insteraq gie imhallas ghalhekk fadal ammont sostanzjali ta' flus li ghadhom jridu jigi imhalsa kif ukoll il-*pre-sentencing report*. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanti hasset li piena ta' prigunerija kienet wahda idoneja u kien ghalhekk ukoll li hasset il-htiega li tinhareg Ordni ta' trattament biex l-appellant jigi mghejjun jgheleb il-problemi li jista jkum ghaddej minnhom.

Din il-Qorti esaminat ukoll il-*pre-sentencing report* redatt mill-Ufficjal tal-Probabtion Maryrose Farrugia esebit fl-atti a fol. 155 et seq tal-atti markat bhala dok dok MF u x-xhieda moghtija minnha nhar il-15 ta Mejju 2024 u in kontro esami nhar is-27 ta' Gunju 2024. Jidehr li l-appelalnt beda jabbzua mid-droga Cocaina mis-ena 2020 ghalhkemm ghal bidu kient b'mod sporadiku, Dan ittstja posittiv ghal presenza ta droga Kokaina meta gie registrat il-habs f'Frar 2024. Minkejja li ghandu din il-problema qatt ma talab l-assitenza ta Sedqa Caritas jew Oasi. JIdher li l-felejjes li seraq uzhom bix mar jara lill-uliedu gewwa pOrtugal sabeix jghaddi xi flus lilhom u ihalls xi djun li kellu.

Il-vitmi kienu hafna li gw identifikati fosthom Marco Rossi li stqar li kien gej derubat f'zewg okkazjonijiet mill-istess persuna. Qal li minkejja li kellu polza ta' sigurta ma thallasx lura ta' dak kollu minnu soffert. Jghid li sahansitra anke kellu jhallas ghal hsarat li gew ikkagunati minn l-appellant. Jghid li jixtieq li jigi kkumpensat ta' dak li gie misruq u ta' dak li kellu jhallas bhal hsarat li sofra minhabba l-agir inkonsult tal-appellant. Alexandra Casha vittma ohra tghid li ma kientix fil-lotto booth meta giet misruqa. Qalet li l-malvivent qabad u kisser l-iron bars biex ottjena id-dhul u dan ha l-iscratch cards li jammotnaw ghal €1,080 u sofriet danni fil-hsara li kien hemm sabiex irrangat it-twieqi fl-ammont ta' €200. Michael Balzan jghid li jahdem fil-pompa tal-petrol Joem Petrol station u kien informa lill-imghallem tieghu b'dak li kien gara li kien hu li ha hsieb il-kaz. Nicole Caruana tghid li minn dahal fl-ufficcju taghha ma seraq xejn ghalkemm sofriet trauma b'dak li kien gara anke il-fatt li giet mistoqsija taghti l-impronti digitali taghha flimkien mal-impjegati l-ohra. Il-vittma JA Borg tas-service station tghid li l-malvivent dahal fil-pompa tal-petrol billi kiser t-tieqa zghira li hemm fil-parti ta' wara u tasheb li intuza *crow bar* biex ottjena id-dhul. Qalet li l-petrol station hu kopert bi polza ta' sigurta izda il-flus li insterqu ma kienux koperti

b'din il-polza. Qalet li l-malvivent haditlu s-somma ta' €500 u flixkun fin tal-whiskey li kien sentimentali. Michael Caruana vitma iehor ighid li l-malvivent hadlu pakkett flus ta €50,000 li hu kien bi hsiebu jiddepostia l-ghada fil-ghodu l-bank. Ikkonferma li kien ircieva is-somma ta' €9,300 lura ghalkemm kien ghad baqa' bilanc ta' €40,700.

Dwar l-uniku aggravju mressaq fir-Rikors tal-appellanti, liema aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront talappellanti allura imputat, din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti ricentement fis-sentenza **il-Pulizija vs Graziella Debono** (Numru 591/2020) deciza fl-24 ta' Settembru 2009 fejn ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija fl-istess jum fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omar Yusuuf Hodan** (Numru 231/2009) fejn ingħad hekk:

> *"Illi dan l-appell tal-Avukat Ġenerali hu limitat għall-piena erogata ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin. Jiġi ribadut li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx teżorbita mill-parametri tal-liġi jew ma tkunx manifestament waħda esaġerata. (Ara. "IrRepubblika ta' Malta vs. David Vella" [14.6.1999], "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u oħrajn).*
>
> *Illi kif kellha okkażjoni tgħid din il-Qorti, dan il-prinċipju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru mill-persuna misjuba ħatja, kif ukoll f'appelli intavolati mill-Avukat Ġenerali."*

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha wkoll dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:*
>
> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*

*11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"*

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li intqal fir-rigward tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellanti allura imputat nstab ħatja tagħhom mill Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l appell imressaq mill-appellanti Richard Oliver Rodriguez Monteiro u tikkonferma s sentenza appellata fl-intier tagħha . Tikkonferma ukoll l-Ordni ta Trattament mahrug fl-ewwel sentenza ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-ligijeit ta' Malta bil-kundizzjonijeit hemm ismemmija b'dan illi t-terminu hemm impost jibda ghaddej mill illum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Habs sabiex jaghmel l-almu tieghu sabiex jghin lill-appellant jindirizza l-problema ta' abbuz ta' droga.

Qigheda ukoll tikkonferma l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali sabiex l-appellant jirrestitwixxi lil Joseph Caruana and Company is-somma ta' €40,638, lil Alexandra Casha s-somma ta' €1,480, erba' mija u tmenin ewro (€1,480), lil Joyce Borg is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u lil Marco Rossi s-somma ta' tlitt elef u hames mitt ewro (€3,500), u dan fi żmien sitt xhur.

Ghal kul bon fini l-Qorti fisret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi li huwa jiffaccja fil-kaz li huwa ma jottmperax ruhu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-ordnijiet imsemmija f'din is-sentenza .

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**